MCCAA
MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

Mizzi House National Road , Blata-l-Bajda, Hamrun HMR9010
Tel: +356 2395 2000 Fax: +356 21 242 406
VAT Reg No: MT 2039 0516

**6 ta' Diċembru 2016**

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITA` TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qiegħda tidentifikà u tgħarraf lill-pubbliku li:

**Is-Sur Mark Anthony Barbara, detentur tan-numru tal- Karta tal-Identita' (ID No 0004675M.)**

ma onorax id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumaturi.

Il-bejjiegħ installa żewġ air-conditioning units, li wieħed minnhom ma ġiex installat tajjeb u dan wassal biex l-air conditioner ma bediex jaħdem tajjeb. Il-konsumatur ġabar stima tal-ispejjeż biex jissewwa l-airconditioner u dan ammonta għal €630.

Is-Sur Barbara naqas milli jissottometti risposta għat-talbiet tal-konsumatur u anke naqas milli jattendi s-seduti tat-Tribunal. Hu ġie ordnat mit-Tribunal biex iħallas lill-konsumatur l-imsemmi €630 u l-ispejjeż tat-Tribunal.

Josephine Borg

Direttur Ġenerali ( Affarijiet tal-Konsumatur)